32006D0198

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2006

li tapprova f'isem il-Komunità Ewropea emendi għall-annessi mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq miżuri sanitarji biex tiħares is-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku fil-kummerċ ta' l-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 81)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/198/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/258/KE dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa tal-pubbliku u dik ta' l-annimali fin-negozju ta' annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 4, it-tielet paragrafu tagħha,

Billi:

(1) Il-Kumitat Konġunt tal-Ġestjoni għall-Ftehim ("il-Kumitat"), fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2005 ħareġ rakkomandazzjoni dwar id-determinazzjoni ta' l-ekwivalenza għall-prodotti tas-sajd. B'riżultat ta' din ir-rakkomandazzjoni jixraq li jiġi emendat l-Anness V għall-Ftehim.

(2) Din l-emenda għandha tiġi approvata f'isem il-Komunità.

(3) Il-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skond ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kumitat Konġunt tal-Ġestjoni stabbilit skond l-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar miżuri sanitarji biex tiħares is-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku fil-kummerċ ta' l-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali, l-emendi għall-Anness V tal-Ftehim imsemmi huma premezz ta' dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea. It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, inklużi l-emendi għall-Anness V tal-Ftehim, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Direttur Ġenerali għall-Protezzjoni tas-Saħħa u tal-Konsumatur b'dan jingħata is-setgħa li jiffirma il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri sabiex b'dan jorbot il-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-ewwel ġurnata tax-xahar wara dak ix-xahar li fih l-Istati Uniti ta' l-Amerika tinnotifika bil-kitba lill-Kummissjoni li l-proċeduri interni għall-approvazzjoni ta' l-emendi msemmija fl-Artikolu 1 ikunu tlestew.

Magħmula fi Brussell, it-2 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 118, tal-21.4.1998, p. 1.